MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2007

Numru 390/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Angelo Caruana**
**v -**

**IHAB EL KANOUNI**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **IHAB EL KANOUNI** ta’ tmienja w hamsin sena, bin Guma u Najia nee Mwegi, imwieled l-Kajr, nhar s-sittax ta’ Awissu 1972 u residenti 50, Sqaq numru 1, Triq s-Salib, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 21226A gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. fin-Naxxar matul x-xhur ta’ qabel t-tnax ta’ Mejju 2001 b’diversi atti maghmulin minnu anke jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istes disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta diversi

serqiet t'oggetti minn Pizza Planet fi Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar, ghad-dannu ta' Joseph Magro minn H'Attard, liema serq huwa ta' aktar minn ghaxar liri maltin izda inqas minn mitt lira maltin u liema serq huwa aggravat bil-persuna fl-ammont ta' circa tlett elef lira maltin;

2. talli f'dawn l-ahhar zminijiet f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe serq u xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat ghoxrin ta' Gunju 2001 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudukatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tmintax ta' Ottubru 2001 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat dwar l-ewwel akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u lil prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni akkuza nghatat alternattivament ghal ewwel akkuza u dan fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-ewwel akkuza kollha kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, **il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 268, 281(a) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat IHAB EL KANOUNI hati tal-ewwel (1) akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tpoggih taht is-supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) akkuza stante dak verbalizzat mill-prosekuzzjoni u cioe li din inghatat b'mod alternattiv ghal ewwel (1) akkuza.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat kandidat ideali sabiex jiehu hsieb din l-ordni.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-imputat u dan wara li l-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lilu u li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Anglu Caruana**
**v**

**IHAB EL KANOUNI**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 25 ta' Lulju 2007**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **IHAB EL KANOUNI** ta' tmienja w hamsin sena, bin Guma u Najia nee Mwegi, imwieled l-Kajr, nhar s-sittax ta' Awissu 1972 u residenti 50, Sqaq numru 1, Triq s-Salib, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 21226A gie moghti ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn [2] taht is-supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Tordna li l-imsemmi **IHAB EL KANOUNI** jitqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation nominat ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum taht dawn il-htigijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu ta' sentejn [2] l-imputat ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;
2. Illi l-imputat ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa

ghandu, jekk il-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;
3. Illi l-imputat ghandu minnufih jgharraf lill-Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;
4. Illi l-imputat ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti kollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lill-imputat, kif ukoll lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services sabiex tinghata lil-Ufficcjal tal-Probation li ser jigi nominat.

……………………………..
**IHAB EL KANOUNI**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

.
.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------